# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 246/14TA**

**It-Tabib Arsen Avakyan detentur ta' Karta ta' l-Identita' Maltija Numru 0101375A bhala Mandatarju Speċjali ta' l-assenti Tugran Arutyunyan, detentur ta' Passaport Russu Numru 710618921**

**vs**

**Artur Arakelyan iben Robert u Elmira nee' Vardanyan, imwieled Yerevan, Armenia u residenti Malta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija Numru 18658A u Passaport Armen Numru AG0644567**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Arsen Avakyan bħala mandatarju speċjali tal-assenti Tugran Arutyunyan (l-Attur) tas-26 ta' Marzu 2014 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi fid-9 ta' Frar 2007, il-kontendenti flimkien ma' zewg azzjonisti ohra, Viktor Kharitonov u Vagershak Sagaryan, irregistraw kumpannijja taht il-ligi Maltija gewwa Malta bl-isem ta' Property Consultants ATW Ltd, bin-numru ta' registrazzjoni ufficjali C440774, bil-ghan illi jizvolgu negozju fil-kamp ta' l-izvilupp ta' immobbli u kostruzzjoni. Il-kontendenti partijiet kienu

l-unici zewg diretturi tal-kumpannijja. Ii giet iffurmata flimkien ma' zewg azzjonisti ohra, Viktor Kharitonov u Vagershak Sagaryan.

Illi lejn nofs is-sena 2008, inqala' dizgwid serju bejn il-kontendenti. B' konsegwenza ta' l-istess, gew intavolati proceduri kriminali kontra l-intimat, fl-ismijiet "The Police (Inspector Angelo Gafa') v. Artur Arakelyan – Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – Magistrat Dr. Edwina Grima".

Illi in piu' gew ukoll istitwiti proceduri ta' natura civili kontra l-intimat fl-ismijiet "*Tigran Arutyunyan Passaport Russu Numru 62 No. 3845676 f'ismu proprju bhala azzjonista tas-socjeta' registrata gewwa Malta bl-isem ta' Property Consultants ATW Limited C40774 u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' Property Consultantss ATW Limited C40774 v. Artur Arakelyan Karta ta' l-Identita' Maltija 0018658A – Rikors Guramentat Numru 1211/08 GCD*" flimkien ma' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1897/08. Kopji ta' l-Atti qed jigu annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B rispettivament.

Illi fil-mori tal-proceduri kriminali, il-kontendenti partijiet lahqu ftehim bonarju ghat-transazzjoni tat-tilwima bejniethom b'dan illi ir-rikorrent accetta illi ma jixhidx kontra l-intimat u jaghmel dak kollu permessibbli skond il-ligi sabiex l-istess intimat ma jinstabx hati. In vista tan-natura ta' l-akkuzi, il-proceduri kriminali ma setghux jitwaqqfu izda r-rikorrent onora l-ftehim tieghu u ghamel kontribut siewi sabiex l-intimat ma jinstabx hati.

Illi l-ftehim bejn il-partijiet gie redatt fi skrittura privata iffirmata fil-presenza tal-konsulenti legali rispettivi tal-kontendenti partijiet nhar it-8 ta' Lulju 2008. Kopja ta' dan il-ftehim qed jigi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat Dok. C.

Illi ai termini ta' l-istess ftehim, ir-rikorrent obbliga ruhu illi jirtira l-proceduri civili kollha istitwiti kontra l-intimata b'dan illi jcedi il-kawza dwar il-mertu u jintavola l-kontro-mandati kollha opportuni, kif fil-fatt sar. Kopja tan-Nota ta' Cessjoni u l-kontromandat qed jigu annessi u mmarkati Dok. D u Dok. E rispettivament.

Illi in vista tan-natura ta' l-akkuzi, inharget Ordni ta' l-Iffrizar ta' l-Assi kontra l-intimat b'konsegwenza ta' liema, l-intimat ma kienx f'pozizzjoni irodd lura lir-rikorrent il-flus legittimament dovuti lill-istess rikorrent.

Illi ai termini ta' ftehim iehor datat 3 ta' Novembru 2009, il-kontendenti qablu illi l-flus ta' l-intimat li kienu gew issekwestrati in segwitu ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, u cioe' l-ammont ta' €86,340.32, jigu eventwalment rilaxxjati a favur ir-rikorrent hekk kif il-proceduri kriminali kontra l-istess intimat jintemmu minghajr sejba ta' htija. Kopja ta' dan il-ftehim qed jigi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat Dok. F.

Illi ai termini tar-raba' paragrafu ta' dan il-ftehim datat 3 ta' Novembru 2009, il-kontendenti partijiet kuntrattwalment qablu illi:

"***The parties hereby declare and agree that without prejudice to the agreement of 8 July 2009, in the light of the fact that Tigran***

***Arutyunyan has withdrawn all civil proceedings against Artur Arakelyan, Artur Arakelyan shall, upon termination of the criminal proceedings instituted upon complaint of the Creditor against the said Artur Arakelyan, sign all necessary legal and judicial documentation for the release of the deposit of Euro 86,340.32 directly in favour of the Creditor***".

Illi l-proceduri kriminali kontra l-intimat gew konkluzi nhar is-17 ta' Lulju 2013 u l-intimat gie liberat mill-akkuzi kollha kontra tieghu. Kopja tas-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. G

Illi in vista tal-fatt illi l-kundizzjoni ghat-trasferiment tal-fondi sekwestrati, kif stipulata fil-kuntratt tat-3 ta' Novembru 2009, avverat ruhha mal-pronunzja tas-sentenza tas-17 ta' Lulju 2013, ir-rikorrentipprezenta tliet ittri ufficjali kontra Artur Arakelyan datati 5 ta' Awissu 2013, u cioe' Ittri Ufficjali Numri 2336/2013, 2337/2013 u 2338/2013 (Dokumenti annessi u mmarkarti Dok H, Dok I u Dok. J) li permezz taghhom, ir-rikorrent talab lill-intimat jonora l-obbligi tieghu u inter alia jersaq sabiex jirrilaxxja a favur tieghu il-flus iddepozitati l-Qorti. Kien biss permezz tal-procedura ta' affissjoni illi Artur Arakelyan gie notifikat bl-ittri ufficjali fil-25 ta' Ottubru 2013. Dan kif indikat fl-anness dokumenti.

Illi ghalkemm l-Ordni ta' l-Iffrizar giet ikkancellata permezz ta' 'Court Order' mahrug fid-19 ta' Awissu 2013, koincidentalment, kien biss ftit jiem wara li saret l-affissjoni mar-residenza ta' l-intimat illi Artur Arakelyan ipprezenta rikors ghal zbank fit-12 ta' Novembru 2013 u dan nonostante illi l-Freezing Order kienet ikkancellata fid-19 ta' Awwissu 2013. Kopja tar-rikors ta' l-intimat qed tigi annessa u mmarkata Dok. K.

Illi ghalhekk, ir-rilaxx tal-fondi ai termini tal-kuntratt mhux biss ma sarx, izda permezz tar-rikors ta' Artur Arakelyan intavolat nhar it-12 ta' Novembru 2013, l-istess intimat ittenta jirrilaxxja a favur tieghu l-istess somma, minghajr ebda avviz jew informazzjoni lir-rikorrent. Dan indubbjament sar in mala fede sabiex il-fondi jigu rilaxxjati a favur l-intimat b'tali mod illi jevadi l-obbligi kuntrattwali tieghu favur fil-konfront tair-rikorrent.

Illi il-procedura tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali ghall-hlas ta' €86,340.32 giet ikkompletata nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014 u dan permezz ta' pubblikazzjoni f'Gazzetta lokali sussegwenti ghall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Kopji tal-pubblikazzjonijiet rispettivi qed jigu annessi u mmarkati Dok. L u Dok. M rispettivament.

Illi sa llum, l-ammont dovut lir-rikorrent ghadu ma thallasx u ghalhekk, ir-rikorrent ma fadallu ebda triq ohra ghajr li jirrikorri ghall-proceduri odjerni sabiex jikseb dak spettanti lilu skond il-Iftehim tat-3 ta' Novembru 2009igi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, ghar-ragunijiet premessi filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa debitur fil-konfront tar-rikorrent fis-somma ta' €86,340.32 ai termini tal-ftehim tat-3 ta' Novembru 2009.

2. Tordna u tikkundanna lill-intimat ihallas a favur lir-rikorrent l-istess is-somma ta' €86,340 dikjarati bhala debitu tal-intimat favur ir-rikorrent in forza tal-ewwel talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Anthony Rutter Giappone bħala mandatarju speċjali tal-assenti Artur Arakelyan (il-konvenut) tal-4 ta' Novembru 2014 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"1. Illi qabel xejn it-talbiet attrici kif impostati ma jregghux stante illi l-allegat ftehim tat-3 ta' Novembru 2009 imsemmi fl-istess talbiet kien jikkoncerna l-ghoti ta' kunsens dwar zbank ta' cedola ta' depozitu; konsegwentement it-talbiet attrici kellhom jkunu msejsa fuq dan.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut qatt ma ffirma l-iskrittura datata 3 ta' Novembru 2009.

3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet u qrat ix-xhieda li tressqu fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-Qorti tibda biex tosserva li fil-fehma tagħha ġew dikjarati ħafna fatti li għall-Kawża li għandha quddiemha din il-Qorti, il-partijiet tawhom attenzjoni żejda.

**2.** Bħala fatt dak li jimporta lil din il-Qorti huwa l-ftehim tat-3 ta' Novembru 2009 (a' fol 28), dan kif anke jirrisulta mill-uniċi żewġ talbiet Attriċi. Fattwalment, dan kien ftehim li jorbot lill-konvenut li jirrilaxxja favur l-Attur l-ammont ta' €86,340.32 depositati taħt l-awtorita' tal-Qorti hekk kif appena jkunu terminati l-proċeduri kriminali kontra l-konvenut.

**3.** Bħala fatt l-Attur fl-imsemmija proċeduri xehed b'mod li iffavorixxa lill-konvenut bħala akkużat. Fil-fatt quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-konvenut qua akkużat f'dawk il-proceduri, ġie illiberat b'Sentenza tas-17 ta' Lulju 2013 (ara a' fol 29).

**4.** Minkejja dak il-ftehim, il-flus inkwistjoni baqgħu qatt ma gew rilaxxjati a' favur l-Attur li għalhekk kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**5.** L-azzjoni hija kjarament impustata fuq inadempjenza kuntrattwali. Il-fondament ġuridiku ta' dan il-prinċipju jemani minn żewġ regoli importanti li jinsabu espressi fis-segwenti artikoli tal-Kodiċi Ċivili:

*"992.(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi.*

*993. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi".*

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-eċċezzjoni prinċipali tal-konvenut hija dik li hu qatt ma ffirma l-iskrittura datata 2009. Fil-fatt f'din il-Kawża kien hemm ħafna ħela ta' ħin fuq dan il-punt meta ma kienx hemm għalfejn.

**7.** L-ewwel osservazzjoni li tagħmel din il-Qorti huwa l-mod erratiku u xejn konvinċenti tax-xhieda u spjegazzjonijiet li jagħti l-konvenut fuq dan il-punt. Għalhekk ser issir referenza għall-aktar mumenti importanti tal-provi f'dan ir-rigward.

**8.** Jibda biex jingħad, li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017, Dr. Joseph Zammit għan-nom tal-konvenut iddikjara, li ma kienx ser jinsisti għall-ħatra ta' espert tal-kaligrafija. Għal din il-Qorti dan ifisser, li b'mod impliċitu iżda univoku, il-konvenut kien qiegħed jaċċetta li dik il-firma kienet tiegħu. B'danakollu, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020 l-Avukat inkwistjoni ddikjara, li l-konvenut ma kienx qiegħed jaċċetta li l-firma fuq id-dokument tat-3 ta' Novembru 2003 kienet tiegħu (a' fol 334). Fl-istess seduta pero' fuq mistoqsija tal-Avukat tal-Attur jekk kienx sfurzat jiffirma dan id-dokument wieġeb "yes". Jammetti ċar u tond li, *"It was prepared by Tigran who forced me to sign it in addition and after the agreement*

*dated 2009"* (a' fol 336 Emfażi tal-Qorti). Jammetti li ffirma d-dokument anke fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 (a' fol 352 tergo u 353 u 354 tergo).

**9.** B'danakollu, jiġuh mumenti ta' ripensament meta aktar tard fl-istess xhieda għid "*the signature under my name looks like a quality fake of my signature*" (a' fol 337). Anke għid li kellhom ikunu dollari u mhux ewros (a' fol 352). Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2021 il-konvenut għal darba oħra biddel il-versjoni tiegħu u għid li l-firma ma hiex tiegħu.

**10.** B'dawn ix-xorta ta' dikjarazzjonijiet il-Qorti kellha biżżejjed provi biex tasal għall-konvinċiment morali li dik il-firma hija tassew tal-konvenut. Dawn il-Qrati konsistentament irribadew il-prinċipju li kull ġudikant hu fl-obbligu li jiddeċiedi *iuxta allegata et probata* u fuq ir-riżultanzi fattwalment provati. [Ara **App.S Vol.LXXIV.II.869**]. Jingħad li "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant jemminix l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc ta' probabbiltajiet, sostratt baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"* (Ara **Sentenza tal-PA fl-ismijiet George Bugeja -vs- Joseph Meilak, deċiża 30 ta' Ottubru 2003**).

**11.** Iżda bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, permezz ta' rikors datat 23 ta' Ottubru 2020 l-Attur talab il-ħatra ta' espert kaligrafu biex janalizza l-firma tal-konvenut fuq il-ftehim datat 3 ta' Novembru 2009 (a' fol 357). Fil-15 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ħatret lil Juliana Scerri Ferrante bħala espert kaligrafu, bi spejjes proviżorjament għall-konvenut (a' fol 375), liema espert ikkonkludiet: "*Ghaldaqstant, wara li saret l-ezaminazzjoni neccessarja, tenut in mente ukoll, illi kien hemm biss erbgha firem dikjarati mill-avukati tal-partijiet, l-Espert tikkonkludi illi fl-opinjoni taghha l-probbabilita' qawwija hija illi l-firem fuq dok XAM, hija l-forma awtentika ta' Artur Arakelyan*" (a' fol 410).

**12.** Sabiex din il-perit waslet biex tirrelata qalgħet qalbha, tant li anke kienet qed tikkonsidra li tirrinunzja għall-inkarigu. Il-konvenut baqa' sal-aħħar ma jikkoperax tant li għalkemm l-ispejjes tal-perit kienu provvisorjament għalih, id-drittijiet tal-espert kellu jħallashom l-Attur.

**13.** Il-Qorti hija fortementement konvinta li l-konvenut aġixxa in mala fede fil-konfront tal-Attur. Sa minn qabel ma ffirma l-iskrittura, diġa' kellu f'moħħu li jeludi l-obbligi tiegħu, billi minflok ikkopera mal-Attur biex jiżbanka l-ammont fuq imsemmi, prova jiżbankahom hu. Dr. Roberto Montalto, li kien l-avukat tal-Attur fil-proċeduri kriminali kontra l-konvenut, jispjega kif wara li ntlaħaq il-ftehim tat-3 ta' Novembru 2009, u l-konvenut ġie lliberat, dan beżaqilhom fis-sunnara sal-punt li l-Attur prova saħansitra jissokta l-proceduri kriminali inutilment (a' fol 286).

**14.** Issa f'din il-kawża, l-konvenut irid ukoll jaħrab mill-obbliġi tiegħu billi fl-ewwel eċċezzjoni qiegħed għid, li t-talbiet kif magħmula ma jistgħux jintlaqgħu għaliex li kellu jintalab kien li jiġi awtorizzat jiżbanka l-ammont imsemmi fl-iskrittura u dan kif miftiehem.

**15.** L-ewwel ma jiġi rilevat huwa, li f'dik l-iskrittura l-konvenut jirreferi għalih innifsu bħal *the Debtor* u għall-Attur bħal *Creditor*. L-iżbank kellu jsir hekk kif appena tinqata' l-kawża krminali li kellu kontra tiegħu. Iġifieri l-iżbank kien soġġett għall-kundizzjoni sospensiva marbuta mal-akkadut tal-avveniment, li f'dan il-każ kienet is-sentenza tal-Qorti Maġistrati fuq imsemmija. Kif appena seħħ dak l-akkadut ma skattax biss l-obbligu tal-konvenut li jagħmel dak kollu neċċessarju biex is-somma imsemmija tiġi żbankata favur l-Attur, iżda għad-dirittura, il-konvenut sar debitur tal-Attur qua kreditur ta' dik is-somma.

**16.** Kif ingħad, il-konvenut kien in mala fede u qed jagħmel minn kollox biex iċaħħad lill-Attur mill-ammont depositat. Meta wieħed jaqra x-xhieda tiegħu, dan jagħti x'jifhem li huwa ser ikompli jsostni li dak l-ammont ma kienx ser iħallsu u saħansitra għid li kien sfurzat jiffirma l-iskrittura inkwistjoni. Kieku ried, il-konvenut seta' faċilment għamel kontro-talba, iżda minflok, mhux biss ma għamel xejn minn dan talli għamel minn kollox biex din il-Kawża tibqa' tkarkar billi jiċħad anke s-sewwa magħruf.

**17.** Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Il-kuntratti <u>għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi</u>, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom,*

*iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi”* (Emfażi tal-Qorti).

**18.** Huwa tagħlim antik dak li għid li “*Qui per alium facit ipse fecisse videtur*”. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Joseph Falzon -vs- Calcedonio Cuschieri” – App Kum tat-23 ta’ Ottubru 1936 - XXIX.i.1408**). U fis-**Sentenza fl-ismijiet Edward Enriquez et -vs- Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et nomine” PA tat-12 ta’ Ottubru 1995** ġie osservat hekk:

“Il-*Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorett li juri ‘mala fides’ ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-‘mala fides’ tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-‘bona fides’. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu immunita` mill-principju ‘fraus omnia corrumpit’.”*

**19.** Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti tassew ma intalabx mill-Attur li jkun awtorizzat jiżbanka, iżda xorta jibqa’ l-fatt, li llum l-Attur tassew huwa kreditur tal-konvenut li b’din is-Sentenza ser ikun jista’ jagħmel minn jheddu dak li obbliga ruħu li jagħmel b’dik l-iskrittura. Pero’ aktar minn hekk, anke fid-dawl taż-żmien li għadda minn fuq l-ammont inkwistjoni, hemm ukoll il-vertenza tal-imgħaxijiet.

**20.** Kif jgħid l-artikolu 1047 (1) tal-Kodiċi Ċivili l-imgħaxijiet jirrapresentaw “*Il-ħsara li tikkonsisti f’illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-*

*sena*". Dan il-leġislatur għamlu biex jevita kwistjonijiet diffiċli, u indaġinijiet ikkumplikati biex jiġu likwidati d-danni.

**21.** Għalhekk, min-naħa l-waħda, il-kreditur m'għandux bżonn jipprova li sofra xi dannu bid-dewmien (Art. 1140 Kodiċi Ċivili) u min-naħa l-oħra, lanqas ikollu xi jedd għal danni ikbar jew oltre dawk iffissati mil-liġi. Huwa biss eċċezzjonalment – fil-każ li l-ħsara tkun ġiet ikkawżata dolożament li l-Qorti tista' (mhux bilfors) skont iċ-ċirkostanzi tagħti indennizz għal kull ħsara oħra li batiet, kompriż kull telf ta' qligħ (Art. 1047(2) tal-Kodiċi Ċivili).

**22.** Stabbilit li l-konvenut kien in mala fede, il-Qorti tħoss li l-imgħaxijiet fuq is-somma għandhom jintgħaddu mill-jum li dan l-ammont kellu jkun f'idejn l-Attur u għalhekk minn meta inġustament ġie imċaħħad minnu. F'dan il-każ hija d-data ta' meta ngħatat is-Sentenza kriminali fuq imsemmija u cioe' fis-17 ta' Lulju 2013 (a' fol 29).

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-konvenut.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-Attur fis-somma ta' sitta u tmenin elf tlett mija u erbgħin punt tnejn u tletin tal-ewro (€86,340.32).

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi billi tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma imsemmija bl-imgħaxijiet legali mis-17 ta' Lulju 2013 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**